MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tad-19 ta' Dicembru, 2011

Numru 492/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Luke Bonello)**
**vs**
**Maurizio Salini**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Maurizio Salini** ta' 24 sena iben Silvano u Rosana *nee'* Giannoni, mwieled Massa, Italja, nhar il-15 t'April 1987, residenti Vie Verdi 8, Massa Italja u detentur tan-numru tal-karta ta' l-identita' bin-numru AN 9297686;

Talli fil-lejl ta' bejn is-16 u s-17 ta' Dicmebru 2011 u fil-granet ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib

Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienetx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-regolamenti tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontrol Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement ammendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-Ordni tal-avukat gernerali tad-19 ta' Dicembru 2011 skond l-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta li permezz taghha baghat lill-imputat sabiex ikun gudikat minn din il-Qorti;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Stante ammissjoni l-akkuza tirrizulta pruvata u ghalhekk qed issib lill-imputat hati tal-akkuza kif dedotta kontra tieghu;

Ra l-artikoli fit-Taqsima 4 u 6 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll r-regoli kif inkorporati fil-GN292/1939 kif emendati;

Rat il-fedina penali nadifa tal-imputat;

Ghalhekk tiddeciedi billi tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx rejat iehor sa zmien sena mil-lum skond l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat lill-imputat l-obbligi tieghu naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------